MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 656/2002/1

**Marcus Marshall bhala mandatarju specjali ta' ibnu assenti Matthew sa llum kunjomu Marshall maghruf ukoll bhala Matthew Scicluna Marshall**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi kunjom l-attur huwa indikat fic-certifikat tat-twelid tieghu, certifikat numru 3948 tas-sena 1978 bhala Marshall, Dok. A hawn anness;

Illi fic-certifikat tat-twelid ta’ huh akbar minnu, Marcus, kunjom l-istess Marcus gie indikat bhala Scicluna Marshall Marcus – Dok. B;

Illi fic-certifikat tat-twelid ta’ huh l-iehor, Luke, kunjom l-istess Luke gie ukoll indikat bhala Scicluna Marshall – Dok. C;

Illi l-attur u hutu dejjem kienu juzaw konsistentement il-kunjom taghhom bhala Scicluna Marshall minflok il-kunjom Marshall kif hemm indikat fl-att tat-twelid ta’ l-attur.

Illi t-tlett ahwa fuq imsemmija kienu minn dejjem maghrufa kemm socjalment kif ukoll fl-iskejjel u fl-attivitajiet taghhom kollha edukattivi u sportivi bhala Scicluna Marshall;

Illi ghalhekk biex jigu evitati ekwivoki u kwistjonijiet fil-futur kif ukoll sabiex l-esponenti ma jkollux kunjom differenti minn dak taz-zewg hutu l-ohra, hemm il-htiega li ssir il-korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta’ l-attur jkun konformi mal-kunjom ta’ hutu Marcus u Luke b’dan illi fl-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier” ta’ l-esponenti jitnizzlu l-ismijiet Marcus John Scicluna Marshall flok Marcus Marshall u taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm” jitnizzlu l-ismijiet “Marie Scicluna Marshall nee` Lapira” flok Marion Marshall nee` Lapira.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tordna l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att ta’ twelid ta’ l-attur, certfikat numru 3948 tas-sena 1978 sabiex minflok l-isem “Marcus Marshall, Paris, France” taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier” jitnizzel minflok il-kliem “Marcus John Scicluna Marshall, Paris, France”; kif ukoll sabiex taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm minflok il-kliem “Marion Marshall nee’ Lapira, St. Julians, Malta” jitnizzlu l-kliem “Marion Scicluna Marshall nee’ Lapira, St. Julians, Malta.”

(2) Tordna ukoll illi l-bdil effettwat fl-att ta' twelid tal-attur jigi rifless f'kull att tal-istat civili ghall-persuna tal-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-6 ta' Dicembru, 2002 a fol. 16 fejn gie eccepit:

1. Illi l-**Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili** jaghti dritt lill-missier l-attur Marcus Marshall biex igib il-kunjom 'Marshall Scicluna' peress illi l-kunjom patern tieghu huwa 'Marshall' u l-kunjom matern huwa 'Scicluna'. L-esponent mhux edott mill-fatt, fil-mument tat-twelid ta' l-attur Matthew Marshall, x'kien juza missieru bhala kunjom. Jekk jigi ppruvat li l-kunjom tal-missier kien dak iz-zmien "Marshall Scicluna", allura jista' juza bhala l-kunjom patern tieghu l-kunjom "Marshall Scicluna" izda dan ma jista' qatt igib il-kunjom "Scicluna Marshall" ghax dan il-kunjom ma seta` qatt jintuza minn missieru. L-istess jinghad fir-rigward tal-kumplament tat-talbiet ta' l-attur fil-konfront ta' kunjom ommu.

2. Illi hut l-attur Matthew li huma Marcus u Luke ma setghu qatt jigu registrati fl-Att tat-Twelid taghhom bil-kunjom "Scicluna Marshall" u l-fatt li hemm zball f'dawk l-atti ma ghandux jaghti lok ghal zball iehor simili fl-atti relattivi ghall-attur.

3. Illi in vista tac-cirkostanzi li taw lok ghal din il-kawza l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

4. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b'din ic-citazzjoni skond l-**Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar, 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2003 fejn il-kawza giet posposta ghas-sentenza ghal dakinhar stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

L-attur Marcus Marshall fl-affidavit tieghu jghid:

"*Illi jiena twelidt fil-11 ta' April, 1956 gewwa Parigi fi Franza kif jirrizulta mill-att tat-twelid tieghi numerat 6175/1964.*

*Illi jiena maghruf ma' kullhadd bhala Marcus John Scicluna Marshall u fil-fatt dan jirrizulta kemm mill-estratt originali ta' l-att tat-twelid tieghi kif ukoll mill-karta ta' l-identita` tieghi u l-licenzja tal-karozza. Jidher ukoll bic-car mic-certifikat taz-zwieg tieghi illi kunjomi huwa Scicluna Marshall.*

*Illi mic-certifikat tat-twelid tat-tfal tieghi Marcus u Luke johrog car illi dawn ukoll ghandhom huma maghrufa bhala Scicluna Marshall.*

*Illi l-ekwivoku illi nholoq fil-kaz ta' ibni Matthew kien illi bi zvista jew ghal xi raguni ohra illi jiena ma nafhiex meta hareg ic-certifikat tat-twelid ta' Matthew, irrizulta illi fil-kaxxa fejn jitnizzel l-isem tal-missier, post tat-twelid ecc. tnizzel l-isem Marcus Marshall biss minghajr l-inkluzjoni ta' Scicluna qabel Marshall. L-istess nuqqas sar fil-kaxxa fejn jitnizzlu l-isem u l-post tat-twelid ecc. ta' l-omm.*

*Illi meta ibni Matthew gie registrat, dan gie registrat bil-kunjom Marshall biss u mhux Scicluna Marshall kif jien maghruf jien, marti u kif inhuma maghrufa it-tfal tieghi l-ohrajn.*

*Illi permezz ta' din il-kawza qieghed jintalab li ssir il-korrezzjoni f'dik il-parti ta' l-att tat-twelid ta' ibni Matthew fejn hemm kunjom il-missier u sabiex minflok jigi registrat il-kunjom Marshall jigi registrat Scicluna Marshall u fejn hemm il-kaxxa ghal isem l-omm, post tat-twelid ecc. jitnizzel Marion Scicluna Marshall nee` Lapira sabiex awtomatikament ibni jiehu l-kunjom propju ta' missieru u cjoe` Scicluna Marshall u sabiex isiru l-korrezzjonijiet kollha f'dan is-sens fic-certifikati u l-atti kollha necessarji.*"

**ii)  EVALWAZZJONI TAL-PROVI.**

Illi din hija talba sabiex l-attur jaghmel korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu ndikat b'dan li l-isem u l-kunjom tieghu jigu jaqraw "Marcus John Scicluna Marshall", minflok "Marcus Marshall" u dan peress li qed isostni li hutu jgibu dan il-kunjom.  Huwa sostna li ghandha ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tieghu, cjoe' biex kunjomu jigi jaqra "Scicluna Marshall" minflok dak ta' "Marshall" bhal ta' hutu biex jigu evitati ekwivoki u kwistjonijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ipprovati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u dan jisab ikkonfermat ukoll mic-certifikati ta' hut l-attur, cjoe' – Marcus Scicluna Marshall – Estratt Nru. 4166/1976 (Dok. "B"), u ta' Luke Scicluna Marshall – Estratt Nru. 176/1985 (Dok. "C").  Dan apparti l-fatt li jsostni li t-tliet ahwa dejjem kienu rikonoxxuti bil-kunjom "Scicluna Marshall" fl-iskola. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.  *Di piu* jirrizulta mix-xhieda ta' Marcus Marshall moghotija seduta stante li huwa dejjem kien maghruf bil-kunjom Scicluna Marshall tant li anke l-karta ta' l-identita` tieghu kienet bl-istess isem.

**III.  KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, **tilqa` t-talbiet attrici** b’dan illi:

(1) Tordna l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta’ l-attur, certifikat numru 3948 tas-sena 1978 sabiex minflok l-isem “Marcus Marshall, Paris, France” taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier’ jitnizzel minflok il-kliem “Marcus John Scicluna Marshall, Paris, France”; kif ukoll sabiex taht l-intestatura “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm” minflok il-kliem “Marion Marshall nee` Lapira, St. Julians, Malta” jitnizzlu l-kliem “Marion Scicluna Marshall nee` Lapira, St. Julians, Malta”

(2) Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid ta’ l-attur jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili ghall-persuna ta’ l-attur.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* **ta’ l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjoni tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap ta’ l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------